

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 211/2010**  
**tal-11 ta' Marzu 2010**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) (a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ċerti prodotti li fihom in-nikotina u huma maħsuba sabiex jgħinu lil min ipejjep sabiex jieqaf mit-tipjip ġew klassifikati minn awtoritajiet differenti tad-dwana tal-Istati Membri taħt l-intestaturi 2106, 3004 jew 3824 tan-Nomenklatura Magħquda (NM), stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3565/88 tas-16 ta' Novembru 1988 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda <sup>(2)</sup> kklassifika ċ-chewing gum li jikkonsisti f'nikotina marbuta ma' reżinu ta' skambju f'jone sabiex tissimula t-togħma tad-duħħan tat-tabakk meta l-użu huwa ssuġġerit għal persuni li jixtiequ jieqfu mit-tipjip bħala "parapazzjonijiet tal-ikel" tas-subintestatura 2106 90 tan-NM. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fid-digriet tagħha tad-19 ta' Jannar 2005 <sup>(3)</sup> ddeċidiet li ċerti faxex tan-nikotina maħsuba sabiex jgħinu lil dawk li jużawhom sabiex jieqfu mit-tipjip għandhom jiġi kklassifikati bħala "medikamenti" tal-intestatura 3004 tan-NM.
- (3) Sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda fir-rigward tal-prodotti maħsuba biex jgħinu lil min ipejjep sabiex jieqaf mit-tipjip, huwa meħtieġ li tiġi miżjudha nota 2 addizzjonali għall-Kapitolu 30 tan-NM.

(4) Prodotti maħsuba sabiex jgħinu lil min ipejjep sabiex jieqaf mit-tipjip, bħal pilloli, chewing gum jew preparazzjonijiet oħra, ma jippermettux li tiġi rilaxxata b'mod gradwali u kontinwu n-nikotina matul il-ġurnata kollha u ma jistgħux jitqiesu bħala li għandhom karatteristiċi profilattiċi u terapewtiċi. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stipulat fin-nota addizzjonali li l-Kapitolu 30 dwar il-prodotti Farmaċewtiċi ma jkoprix prodotti, bħall-pilloli, chewing gum jew preparazzjonijiet oħra, maħsuba sabiex jgħinu lil dawk li jpejpu biex jieqfu mit-tipjip li jaqgħu taħt l-intestatura 2106 jew 3824, bl-eskużjoni tal-faxex tan-nikotina.

(5) Il-faxex tan-nikotina għandhom karatteristiċi profilattiċi u terapewtiċi minħabba l-applikazzjoni tagħhom direttamente fuq il-għilda li jippermetti rilaxx gradwali u kontinwu tan-nikotina matul il-jum. Fid-dawl tal-karatteristiċi profilattiċi u terapewtiċi tagħhom, il-faxex tan-nikotina huma kklassifikati fil-Kapitolu 30 u għalhekk għandhom jiġi eskużjoni min-nota addizzjonali.

(6) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(7) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ħariġx opinjoni sal-iskadenza stabbilita miċ-Ċermen,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

Fit-Tieni Parti, it-Taqsima VI, il-Kapitolu 30 tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, għandha tiddaħħal in-Nota Addizzjonali 2:

"2. Dan il-Kapitolu ma jkoprix prodotti, bħal pilloli, chewing gum jew preparazzjonijiet oħra, maħsuba sabiex jgħinu lil dawk li jpejpu biex jieqfu mit-tipjip li jaqgħu taħt l-intestatura 2106 jew 3824, bl-eskużjoni tal-faxex tan-nikotina."

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 311, 17.11.1988, p. 25.

<sup>(3)</sup> Digriet tad-19 ta' Jannar 2005, Kawża C-206/03: Kummissarji tad-Dwana u s-Sisa vs SmithKline Beecham, Ġabro [2005] p. I-415.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni,  
f'isem il-President,  
Algirdas ŠEMETA  
Membru tal-Kummissjoni*

---